MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2006

Numru. 572/2006

PULIZIJA
SPETTUR RAMON MERCIECA
VS
EVAN MAHLANGU
DAIRON CISHAHAYO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Evan Mahlangu, ta’ 21 sena, bin Samson Dabulamanzi u Eva nee’ Ebejer, imwieled Pieta’ nhar l-10 ta’ Novembru 1984, u residenti Temba, Numru 45, Triq it-Tabib J.Zammit, Balzan, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 553784(M); kif ukoll Dairon Cishahayo, ta’ 16-il sena, bin Gervais u Alfrida nee’ Ebejer, imwieled Zabbar nhar it-2 ta’ Frar 1990, u residenti Tervic House, Triq it-Tabib J.Zammit, Balzan, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 78290(M), u akkuzati talli matul il-lejl ta’ bejn il-25 u s-26 ta’ Mejju 2006, minn Triq it-Tabib J.Zammit, gewwa Hal Balzan, ikkommettew serq ta’ tlett hub-cups minn fuq

karozza tal-ghamla Ford Ka, bin-numru tar-registrazzjoni HYD 008, ghad-dannu ta' l-istess sid Etienne Bonello Du Puis, minn San Gwann, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa, li ma jeccedix il-mitt Lira Maltin (Lm100), u dan bi ksur tal-Artikoli 261(f) u (g), 270 u 271(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 6) u tal-imputati (a fol 10 u 11) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati (a fol 8).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputati jirripensaw ruhhom.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghhom, din il-Qorti ssib lill-imputati Evan Mahlangu u Dairon Cishahayo hatja skond l-akkuzi dedotti kontra taghhom, u wara li rat l-Artikoli 261(f)(g), 270 u 271(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikolu 22 tal-Kap 446, tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sena. Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti speci kollha tal-kaz, inkluz l-ammissjoni bikrija tal-imputati f'dawn il-proceduri, il-fedina penali nadifa tal-imputati u l-eta' giovannili taghhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------